

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018 – Transavia Airlines vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-591/15) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat — Kuntratt ta' servizzi tal-ajruport u ta' servizzi ta' kuumerċjalizzazzjoni — Ftehim konkluż mill-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija ta' Pau-Béarn ma' Transavia — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta' għajjnuna mill-Istat — Imputabbiltà lill-Istat — Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija — Vantaġġ — Kriterju ta' investitur privat — Irkupru — Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Dritt ta' aċċess għall-fajl — Dritt għal smigħ”)

(2019/C 82/41)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Transavia Airlines CV (Schiphol, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: R. Elkerbout u M. Baneke, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u S. Noë, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1227 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-għajjnuna mill-istat SA.22614 (C 53/07) implimentata minn Franza favur il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija ta' Pau-Béarn, Ryanair, Airport Marketing Services u Transavia (ĠU 2015, L 201, p. 109).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Transavia Airlines CV hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 398, 30.11.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018 – Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-630/15) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat — Finanzjament pubbliku tal-konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq tal-Fehmarn Belt — Għajjnuna individwali — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet — Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna mill-Istat u li tiddikjara l-għajjnuna kompatibbli mas-suq intern — Kunċett ta' għajjnuna mill-Istat — Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri — Kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà — Għajjnuna intiża għat-twertiq ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni — Neċessità tal-għajjnuna — Effett ta' incensiv — Proporzjonalità tal-għajjnuna — Diffikultajiet serji li jiġġustifikaw il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali — Obbligu ta' motivazzjoni — Komunikazzjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat intiża sabiex tippromwovi it-twertiq ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni”)

(2019/C 82/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Scandlines Danmark ApS (Kopenhagen, id-Danimarka) u Scandlines Deutschland GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment L. Sandberg-Mørch u M.-E. Vitali, sussegwentement L. Sandberg-Mørch, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armata, L. Flynn u S. Noë, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Naturschutzbund Deutschland (NABU) eV (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Hohmuth, avukat), u Föreningen Svensk Sjöfart (Göteborg, l-Isvezja) (rappreżentanti: L. Sandberg-Mørch u J. Buendía Sierra, avukati)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: inizjalment C. Thorning, sussegwentement J. Nymann-Lindegren, aġenti, assistiti minn R. Holdgaard, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 5023 final, tat-23 ta' Lulju 2015, dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.39078 (2014/N) (id-Danimarka), li tirrigwarda l-finanzjament tal-proġett ta' konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq tal-Fehmarn Belt (ĠU 2015, C 325, p. 5).

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 5023 final, tat-23 ta' Lulju 2015, dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.39078 (2014/N) (id-Danimarka), li tirrigwarda l-finanzjament tal-proġett ta' konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq tal-Fehmarn Belt (ĠU 2015, C 325, p. 5) hija annullata sa fejn il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżuri mogħtija mir-Renju tad-Danimarka lil Femern A/S għall-ippjanar, għall-kostruzzjoni u għall-użu tal-konnessjoni fissa tal-Fehmarn Belt.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż sostnuti minn Scandlines Danmark ApS u Scandlines Deutschland GmbH.
- 4) Ir-Renju tad-Danimarka, Föreningen Svensk Sjöfart u Naturschutzbund Deutschland (NABU) eV għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 59, 15.2.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018 – Stena Line Scandinavia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-631/15) (¹)

“(Għajjnuna mill-Istat — Finanzjament pubbliku tal-konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq tal-Fehmarn Belt — Għajjnuna individwali — Deċiżjoni li ma jitqajmox oġġezzjonijiet — Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna mill-Istat u li tiddikjara l-ghajjnuna kompatibbli mas-suq intern — Kunċett ta' għajjnuna mill-Istat — Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri — Kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà — Għajjnuna intiża għat-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komun — Neċessità tal-ghajjnuna — Effett ta' inċentiv — Proporzjonalità tal-ghajjnuna — Diffikultajiet serji li jiġġustifikaw il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali — Obbligu ta' motivazzjoni — Komunikazzjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat intiża sabiex tippromwovi it-twettiq ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni”)

(2019/C 82/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Stena Line Scandinavia AB (Göteborg, l-Isvezja) (rappreżentanti: P. Alexiadis, solicitor, u L. Sandberg-Mørch, avukat)